HAL BALZAN

IS-SITT SENA NRU. 31 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — SETTEMBRU/OTTUBRU 1976

EDITORJAL

*** IL-FESTA GHADDIET**

Il-festa, bħal kull ħaġa oħra fid-dinja, għaddiet. Imma għalina li ħadna sehem sħiħ u attiv fiha, il-festa m'għaddietx bħallikieku qatt ma kienet. Il-festa għalina kienet turija ta' mħabba lejn l-Omm tagħna Marija, kienet ġimgħa ta' ħidma intensiva ferm aktar mis-soltu li fiha ħdimna flimkien u fraħna flimkien, kien żmien li fih il-Balzanin għaqqdu l-potenzjal tagħhom kollu u qasmu bejniethom il-ħeġġa u l-ispirtu sabiħ tal-għaqda, u dan m'għandux ma jservix ta' ġid għall-bqija tas-sena. F'dan id-dwal sabiħ irridu nħarsu lejn il-festa, għax il-festa għalhekk tiġi biex, filwaqt li nqimu lil Alla u 'l Ommu Marija, ningħaqdu aktar bejnietna u f'dan l-istess spirtu ta' għaqda u mħabba ngħixu s-sena kollha. Għalhekk għandna nħossu li l-festa m'għaddietx għal kollox.

Il-festa ta' din is-sena, bħal ta' snin oħra, kienet festa kbira u sabiħa li tixraq tabilħaqq lill-Madonna u li tagħmel unur lilna l-Balzanin. M'hemmx għalfejn insemmu l-ħidma ta' kull min ta s-sehem tiegħu. Il-kleru, il-każini u l-poplu jistħoqqilhom ir-radd ta' ħajr tagħna lkoll li għandna għal qalbna ħafna l-ġid ta' Ħal Balzan.

Din is-sena, il-ferħ tal-Balzanin kien akbar billi rajna jiċċaqlaq ftit mit-tavlar li ilu jgħatti s-saqaf tal-Kappellun tar-Rużarju, u b'hekk deher ix-xogħol tal-pittura li qiegħed isir. Il-Balzanin urew l-għoġba tagħhom billi dak in-nhar ta' l-aħħar tridu, fil-ġabra li għamel il-Kappillan għall-pittura, inġabret is-somma ta' £M72.20c, somma sabiħa meta wieħed jiftakar li n-nies li kien hemm fil-knisja ma kenitx taf li se ssir dik il-ġabra. Nittamaw li issa x-xogħol jitkompla u għall-festa tas-sena d-dieħla x-xogħol ikun lest u l-armar jitneħħa darba għal dejjem.

Fil-festa ta' din is-sena, erġajna nnotajna l-armar ġdid ta' pavaljuni li żżanżnu miż-żewġ każini li jieħdu ħsieb il-festa, armar li ssokta jsebbaħ it-toroq tagħna. Bla ftaħir xejn ngħidu li llum Ħal Balzan huwa wieħed mill-irħula li l-aktar għandhom x'jarmaw għall-festa. Jalla nibqgħu mexjin f'din it-triq! Jalla l-festa għalina tibqa' għażiża sabiex nibqgħu nagħmlu ħilitna ħalli nkabbruha minn sena għal oħra.

*** TWESSIGH TA' TRIQ IT-TLIET KNEJJES**

Fil-ġimgħat li għaddew, innotajna b'sodisfazzjon ix-xogħol li sar fi Triq it-Tliet Knejjes. Xi partijiet dojoq ta' din it-triq, sewwasew fil-bidu tagħha ħdejn il-Każin 'Marija Annunzjata' u wkoll biswit il-knisja ta' Santu Rokku, twessgħu u b'hekk it-triq, li llum saret xi ftit traffikuża, ħadet arja oħra u saret aktar komda. Ikollna nammettu, però, li din it-triq, li hija waħda mill-eqdem ta' Ħal Balzan, tilfet kemxejn il-karatteristika tagħha ta' triq tipikament Maltija. Però, kif igħid il-Malti, fid-dinja tħobb ħaġa u tobgħod oħra. Forsi llum m'għadux iż-żmien li noqogħdu nħarsu b'ċerta nostalġija lejn dawn l-intietef ta' l-imgħoddi meta ż-żmenijiet mgħaġġla tal-lum donnhom qed jitolbu mod ieħor.

*** IT-TFAL MILL-ĠDID GHALL-ISKOLA!**

Settembru u Ottubru huma x-xhur li fihom it-tfal, wara l-mistrieħ tas-sajf, jerġgħu jinġabru mill-ġdid fl-iskejjel sabiex jibdew sena oħra ta' ħidma u studju. Ilkoll tarahom iħejju ruħhom u jippreparaw dak kollu li hu meħtieġ ħalli jibdew is-sena bit-tajjeb. Hawn nixtiequ nagħmlu rimarka sew lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal fuq ħaġa li ilna li nnotajnieha mis-sena li għaddiet. Qed nirreferu l-iktar għat-tfal subien li jkunu fil-pjazza ta' Ħal Balzan jistennew il-'private' fil-għodu. Dawn, malli tiġi l-'private' li lanqas tkun għadha waqfet biex tgħabbilhom, tarahom jiġru u jimbuttaw lil xulxin biex jitilgħu l-ewwel, bil-periklu li tista' tiġri xi diżgrazzja. Dan qegħdin niktbuh sabiex it-tfal joqgħdu aktar attenti li ma jmurx allaħares qatt, iweġġa' xi ħadd. Il-ġenituri għandhom jifthu għajnejn uliedhom dwar dan.


KALENDARJU 1977

Dalwaqt joħroġ għall-bejgħ il-Kalendarju ta' Ħal Balzan għas-sena 1977. Aħsbu kmieni għal kopja. Il-Kalendarju se jkun fih għadd sabiħ ta' ritratti u tagħrif interessanti dwar Ħal Balzan u l-festa tal-Lunzjata. Tinsewx taħsbu wkoll għal kopja għal qrabatkom imsefrin.

IL-KNISJA PARROKKJALI (19)

IL-KAMPNAR

Kif rajna fin-numri l-imgħoddija ta' din il-gazzetta, il-Kampnar tal-Parroċċa tagħna kellu sa mill-bidu għadd ta' qniepen sbieħ biex bid-daqq tagħhom jesprimu l-ferħ fil-festi jew in-niket fl-imwiet, kif ukoll biex isejħu lill-fidili għall-quddies u għat-talb u l-funzjonijiet liturġiċi. Kellu ċ-ċuqlata li tintuża fil-Ġimgħa l-Kbira. Issa jmiss li niktbu dwar iż-żewġ arloġġi li juru u jdoqqu l-ħin minn dan il-Kampnar. Irrid ingħid għaż-żewġ arloggi; wieħed li llum insejħulu l-qadim u l-ieħor li nsejħulu l-ġdid. Din id-darba nitkellmu dwar l-arloġġ il-qadim.



Il-magna ta' l-arloġġ il-qadim ta' Ħal Balzan li llum m'għadux jintuża. Dan l-arloġġ tqiegħed fil-kampnar f'Ġunju tal-1744 u baqa' jaħdem sa Diċembru tal-1970 meta żżanżan l-arloġġ il-ġdid.

L-ARLOĠĠ IL-QADIM

Nibdew billi ngħidu li biex sar l-arloġġ fil-Kampnar saret l-istess proċedura li kienet issir fl-imgħoddi, jiġifieri nħatru żewġ prokuraturi. Għalhekk nhar l-ewwel ta' Jannar tal-1743 għal dan il-għan ġew maħturin iż-żewġ prokuraturi Dun Pietru Pawl Gatt u Salvatore Hagius. Insibu li dawn iż-żewġ prokuraturi għamlu l-kuntratt għax-xogħol ta' dan l-arloġġ f'Mejju ta' l-istess sena ma' l-arluġġar Pietru Tanti. (1)

Issa filwaqt li beda jinħadem il-makkinarju ta' l-arloġġ, fil- kampnar beda wkoll isir xogħol ta' bini ġdid uranġar fl-istess kampnar. Għal dan ix-xogħol ġew magħżula Mastru Ġorġ Schembri, Mastru Baskal Sant u Mastru Salv. Ix-xogħol tal-bini beda nhar il-21 ta' Diċembru 1743 u ntemm f'Ġunju tas-sena ta' wara. Dawn il-bennejja ħadu bejniethom minn għand il-prokuraturi s-somma ta' 20 skud, 3 tari' u 6 ħabbiet. (2)

Nistgħu ngħidu li f'għeluq is-sena minn mindu l-prokuraturi għamlu l-kuntratt ma' l-arluġġar Pietru Tanti, dan lesta l-arloġġ mistenni mill-Balzanin. Tant hu hekk li kif naqraw fil-ktieb ta' l-ispejjeż tal-Parrocca ta' dak iż-żmien, l-arloġġ kien lest u tqiegħed fil-kampnar nhar l-10 ta' Ġunju 1744. (3)

Waħedha tiġik il-mistoqsija: "Xi kemm seta' qam dak l-arloġġ ta' mitejn sena ilu?"

It-tweġiba jagħtihielna l-ktieb tal-kontijiet, fejn fil-faċċata 139 insibu li l-prokuraturi Dun Pietru Pawl Gatt u Salvatore Hagius ħallsu s-somma ta' 300 skud lill-arluġġar Pietru Tanti bħala ħlas ta' l-arloġġ f'Diċembru 1744. (4)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Biex insemmu l-ispejjeż kollha ta' l-arloġġ hemm il-kwadrant li qam 2 skudi u 6 tari' u l-ħabel tal-kontrapiż li qam 2 skudi u 7 tari' oħra. (5)

Mat-tqegħid ta' l-arloġġ fil-kampnar, il-Knisja bdiet iżżid fl-ispejjeż għall-ħlas ta' min jagħti l-ħabel lill-arloġġ kienu: Mastru Ġanni Borg, li kien l-ewwel wieħed, it-tieni kien Ġakbu Borg, li beda f'April 1749, u t-tielet kien Gio Borg, li beda fl-1758. Għal dan il-għan il-knisja kienet tħallas 4 tari' fix-xahar. (6)

L-isqfijiet ma naqsux li jsemmu lil dan l-arloġġ. Hekk insibu fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran De Bussan tal-21 ta' Settembru 1745 li jgħid li ra dan l-arloġġ u jsemmi li dan idoqq il-kwarti u s-sigħat. (7)

Nafu li l-arluġġar Pietru Tanti kellu jerġa' jiġi u jitla' fil-kampnar biex isewwi xi ħsarat li ġraw lill-arloġġ. Dan ġie fi Frar u darb' oħra f'Diċembru tal-1745. (8)

Meta nqallbu l-kotba tal-kontijiet tal-Knisja nsibu li tul iż-żminijiet ta' sikwit kienu jitħallsu spejjeż għal-biex jiġu msewwija xi ħsarat lill-makkinarju ta' dan l-arloġġ. Iżda fi żmien l-amministrazzjoni tal-Kappillan Dun Pietru Pawl Psaila (1810-1814) lil dan l-arloġġ saritlu tiswija kbira li laħqet is-somma ta' 69 skud u 6 tari'. (9)

REFERENZI:

1. Arkivju Parrokkjali - Lib. 56.
2. Ibid. Cit. - p.159
3. Ibid. Cit. - p. 160
4. Ibid. Cit. - p. 139
5. Ibid. Cit. - p. 159
6. Ibid. Cit. - p. 159
7. Alpheran de Bussan P: Visit. Past. fol. 323
8. Arkivju Parr: Lib 56
9. Arkivju Parr: Lib. 24

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel' Ħal Balzan.

Stampata fil-Lux Press Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

LULJU 1976

Festa Titulari

Bejn l-4 u l-11 ta' dan ix-xhar ġiet iċċelebrata l-festa titulari ta' l-Annunzjata. Fl-4 tax-xahar kienet il-festa ta' San Valentinu Martri. Ħadet sehem il-Banda 'San Gabriel' li għamlet marċ minn ħdejn Santa Marija sa fuq iz-zuntier fejn esegwiet programm. Wara d-dħul tal-purċissjoni, sar il-ħruġ min-niċċa tal-vara ta' l-Annunzjata, fost il-briju tal-poplu u l-kant ta' l-Innu Popolari l-ġdid. Wara saret tombla fuq iz-zuntier tal-knisja u logħob tan-nar maħdum mis-sur Ġużeppi Chetcuti minn Ħal Balzan.

Il-Ħamis, 8 tax-xahar, wara li spiċċa t-tridu, il-Banda tal-Pulizija daqqet programm mużikali fil-misraħ ta' wara l-knisja. Il-Ġimgħa, l-aħħar jum tat-tridu, il-Baned 'San Gabriel' u '12th May' ta' Ħaż-Żebbuġ daqqew marċi mat-toroq tar-raħal, u wara sar logħob tan-nar mis-sur Abraham Muscat minn Ħal Balzan. Fl-aħħar tridu, il-Kappillan tkellem dwar il-pittura u għamel ġabra għal dan il-għan.

It-Translazzjoni ta' lejlet il-festa tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Antonio Del Giudice, Nunzju Apostoliku. Għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika kellu jiġi Mons. Arċisqof, iżda kien indispost. Fil- festi ta' barra ħadu sehem il-Baned 'San Gabriel' u 'Santa Katerina' taż-Żurrieq. Ġie esegwit l-Innu lil Marija Annunzjata mill-Banda 'San Gabriel' taħt it-tmexxija tas-Surmast Clemente Sciberras, li fih ħadu sehem il-Kor 'Pax Christi' ta' Ħal Għargħur u t-tenur Andrew Sapiano. Wara kien hemm murtali tal-kulur u kaxxa nfernali, maħdumin mid-dilettanti Balzanin taħt id-direzzjoni tas-sur Valentino Azzopardi, u mbagħad logħob tan-nar ta' l-art mis-sur Ġużeppi Muscat, Balzani wkoll.

Il-Quddiesa Kantata ta' nhar il-festa kienet konċelebrata mill-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa. Il-paneġierku sar minn Mons. M.A. Apap, Għawdxi. Fil-għodu sar il-marċ tradizzjonali brujuż mill-Banda 'San Gabriel'. Fil-għaxija, l-istess bħall-jum ta' qabel, ħafna nies, fosthom għadd kbir ta' turisti, ġew Ħal Balzan. Il-Baned 'King's Own' u 'Konti Ruġġieru' għamlu l-marċi tagħhom u wara daqqew programmi, waħda fuq iz-zuntier tal-knisja u l-oħra f'Misraħ Ħal Balzan. Il-purċissjoni tmexxiet mill-Benedittin Dom Paolo Saliba. Qabel dħul il-purċissjoni, saret tislima lill-Madonna mill-Prof. Ġużè Aquilina (Din it-tislima tiġi ppubblikata f'ħarġa oħra tal-gazzetta). Wara ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, il-Banda 'San Gabriel' għamlet is-solitu marċ brijuż ta' għeluq il-festa.

Il-Kunsill Parrokkjali beda jiċċaqlaq

Kienet spiċċat il-quddiesa tat-tmienja, meta nhar is-Sibt, l-aħħar ta' Lulju, bdew jinġemgħu fil-pjazza numru ta' nies ta' kull kwalità: sorijiet, irġiel, nisa, żgħażagħ u qassisin. Konna iżjed minn tletin. Inġbarna hemm biex nitilqu lejn Tarġa Gap għand il-Ġiżwiti biex inqattgħu nofs ta' nhar flimkien. L-iskop? Biex nitolbu u nistudjaw fuq x'jista' jsir biex il-Poplu t'Alla f'Ħal Balzan igħaddi minn esperjenza ħajja t'Alla.

Meta wasalna, inġbarna f'sala bil-qiegħda f'ċirku fejn kulħadd seta jilmaħ lil kulħadd. Il-Kappillan qal erba' kelmiet ta' merħba u reħa r-riedni ta' dan in-nofs ta' nhar f'idejn Fr. Benny Tonna. Għal min ma jafx, Fr. Tonna hu s-Segretarju Pastorali, il-bniedem inkarigat mill-Arċisqof biex ifassal u jimplementa Pjan ta' tiġdid fil-Knisja ta' Malta. Fr. Tonna tkellem fuq il-bżonn li, qabel nibdew naraw x'nistgħu nagħmlu għall-parroċċa, jeħtieġ li qabel xejn aħna stess ikollna relazzjoni personali ma' Kristu.

Wara waqfa ta' kwarta, fejn ġejna mistiedna naħsbu ftit fuq mumenti f'ħajjitna fejn lil Alla ħassejnieh viċin, erġajna ltqajna, did-darba biex naraw f'liema linja għandna niġbdu meta nfasslu pjan għall-parroċċa.

Il-grupp imbagħad tmexxa f'sessjoni ta' "brainstorming" fejn kulħadd wera l-opinjoni tiegħu fuq x'hemm bżonn li fuqu tingħata emfasi ġdida. Prattikament f'kull sfera tas-soċjetà u fuq kull aspett tar-reliġjon instab li jeħtieġ isir sforz biex il-poplu jidħol aktar midħla tal-kobor tas-sejħa tagħna bħala kommunita' ta' mħabba.

Qabel ma morna nieklu flimkien l-ikla ta' nofs in-nhar, kilna flimkien il-Ħobż li bagħtilna l-Missier: Ġesù Kristu fl-Iskrittura u l-Ewkaristija.

Dan kien bidu ta' Qawmien Spiritwali ġdid. Għalina li pparteċipajna kienet esperjenza ta' ferħ għax rajna li qabel l-interessi tagħna personali u tal-għaqdiet tagħna, l-ewwel obbligu hu li niffurmaw parti ħajja mill-parroċċa.

J.C. AQUILINA
(P.R.O. KUNSILL PARROKKJALI)

ITTRI LILL-EDITUR

IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

Sur Editur,

Ma nixtieqx noħodlok iżjed spazju fuq dan is-suġġett u għalhekk sejjer nikkummenta fil-qosor dwar l-aħħar ittra tar-Rev. Kanonku Sammut (Ħal Balzan, Lulju/Awwissu 1976).

Napprezza l-entużjażmu tiegħu iżda napprezza wkoll id-dehra esterjuri preżenti tal-knisja tar-raħal; nifhem, appuntu għax tabib psikjatra, is-sentimenti li jispinġu l-bniedem biex iżejjen il-postijiet tal-qima t'Alla iżda nirrealizza li din it-tendenza psikoloġika trid tiġi mwettqa prudentement u skond il-każ; fl-aħħarnett, billi l-knisja hija edifiċċju għal użu pubbliku, kull individwu għandu d-dritt għall-espressjoni ta' l-opinjoni tiegħu dwar id-dehra estetika tagħha avolja ma jkunx arkitett; iżda ħadd ma għandu l-jedd li jbiddel l-istruttura tagħha jekk mhux wara li jkollu l-approvazzjoni ta' l-awtorità kostitwita biex tħares il-wirt artistiku tal-knejjes tagħna.

Dina l-awtorità — magħrufa bħala Ġunta Ekkleżjastika u magħmula minn ħames esperti — ġiet imwaqqfa fl-1925 bl-għan li tagħti pariri lill-arċisqof dwar xogħlijiet artistiċi ġodda jew tibdil ta' dawk li ġa jeżistu fil-knejjes (**Malta Government Gazette Supplement**, 27 ta' Lulju 1925, p. 200). Fl-1926 l-arċisqof Caruana ipprojbixxa li jsir tibdil fl-istruttura ta' ġewwa u ta' barra tal-knejjes mingħajr approvazzjoni ta' din il-Ġunta. L-istess projbizzjoni ġiet ripetuta mill-Kunsill Reġjonali Malti u mill-arċisqof preżenti fl-1972 (Bonnici, **A History of the Church in Malta**, Malta, Vol. III, 1975, p 85)

Jiena ma għamiltx ħaġa oħra ħlief li sostnejt — kif għadni nsostni — (a) li sakemm ma jinstabx id-disinn oriġinali tal-knisja għandna nżommu l-istruttura tagħha kif inhi, kif sar f'parroċċi oħra bħal ma hija dik ta' Ħ'Attard fejn, minn mindu nbniet il-knisja ta' dak ir-raħal (1613-16), ħadd ma żied jew naqqas mix-xogħol ta' l-arkitett Tumas Dingli (Mallia, C. **Ħ' Attard — 400 sena parroċċa**, Malta, 1975, p. 7): u (b) li aħna għandna noqogħdu għall-fehma tal-Ġunta Ekkleżjastika fuq imsemmija bħala l-awtorità kompetenti fuq is-suġġett.

Nagħlaq billi ngħid li minkejja d-diverġenza ta' opinjoni bejni u bejn ir-Rev. Kanonku Sammut, dan il-fatt ma jxejjen xejn mir-rispett u stima li għandi lejh.

Balzan. Dr. Pawlu Cassar.

L-ISTATWI TAL-PAPIET

Sur Editur,

Fil-ġrajja ta' l-ibliet u l-irħula tagħna, għandek issib, x'aktarx dejjem, l-isem ta' xi Papa li jkun marbut ma' dik il-belt jew dak ir-raħal partikulari. Il-parruċċani mbagħad aktarx iwaqqfu statwa għall-unur tiegħu li tintrama f'post prominenti fil-jiem tal-festa. Sa ftit snin ilu, aħna l-Balzanin kellna l-istatwi ta' żewġ Papiet kbar.

Dawn huma l-Papa Ljun XIII, il-Papa kbir tar-"Rerum Novarum" li fi żmienu sar iċ-ċentinarju ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, u li l-istatwa tiegħu kienet tintrama fil-Misraħ, u l-Papa Alessandru VII, li kien Inkwiżitur f'Malta u li Ħal Balzan sar Parroċċa għalih tul il-pontifikat tiegħu, u li l-istatwa tiegħu kienet tintrama l-ewwel quddiem il-każin ta' fuq u mbagħad fi Triq Sisner ħdejn il-villa tal-Konti.

Illum dawn l-istatwi sbieħ, li jfakkru żewġ Papiet kbar għalina l-Balzanin, qegħdin midfunin waħda fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata u l-oħra f'Santa Marija, fejn x'aktarx qed tiġrilhom aktar ħsara milli għandhom.

Li nixtieq nissuġġerixxi, u jiena żgur li hawn Balzanin oħra li jaqblu miegħi, huwa li ż-żewġ każini — "Marija Annunzjata" u "San Gabriel" — kull wieħed jieħu ħsieb jirranġa waħda minn dawn l-istatwi. Żgur li ma hemmx bżonn flejjes enormi biex dan ix-xogħol isir, aktar u aktar meta f'Ħal Balzan għandna nies li jinqalgħu għal dan ix-xogħol. Barra dan, issa li r-raħal jinsab armat tajjeb iż-żewġ każini jistgħu jieħdu ftit tan-nifs u jduru dawra ma' xi armar antik li tant kien għal qalb misserijietna.

Nittama li dan is-suġġeriment jingħata widen. Naħseb li ħafna Balzanin bħali japprezzaw din il-ħaġa u jgħinu finanzjarjament din l-inizjattiva. Jiena nkun minn ta' quddiem biex noffri l-kontribuzzjoni tiegħi.

Ħal Balzan.


Inħobb il-festa.

ĦAJR LILL-BENEFATTURI

N.N. (Balzan) -£M10; John Pace (B'kara) - £M5; Carmelo Zahra Buhagiar (Birgu) -£M1; Lawrence Attard (Naxxar) - £M1; Kan. A. Mallia (Birkirkara) - 50c; Winston L. Zammit (Sliema) -50c; Carmel Muscat (Wardija) -50c.

ABBATINI BALZANIN JAGĦMLU SERVIZZ FIL-VATIKAN

Għal sena oħra, grupp ta' abbatini Maltin reġgħu marru Ruma sabiex jagħmlu s-servizz liturġiku tagħhom fil-Bażilka ta' San Pietru minflok abbatini Taljani, li bħal dan iż-żmien ikunu bil-vaganzi. Fost it-tletin abbati li ntgħażlu, għal sena oħra reġa' kellna tnejn oħra mill-Parroċċa tagħna. Dawn huma Jesmond Pace, abbati mill-Knisja Parrokkjali, u Alfred Borg, abbati mill-kunvent tal-Bon Pastur.





It-tletin abbati li ntgħażlu għamlu kors ta' taħriġ f'dawn l-aħħar xhur u wkoll eżami bil-miktub taħt id-direzzjoni ta' Dun Alwiġ Deguara, li ħa post il-mibki Mons. Giuseppe Delia bħala direttur tal-'Piccolo Clero' djoċesan.

L-abbatini ħallew Malta nhar it-Tlieta, 3 ta' Awwissu, u għandhom jerġgħu lura nhar il-Ħadd, 26 ta' Settembru. Matul il-qagħda tagħhom f'Ruma, huma qed joqogħdu fil-Preseminario San Pio X, fil-Vatikan stess. Huma ġew milqugħa f'udjenza mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, li berkilhom il-faxex tagħhom li jżommuhom bħala tifkira. Huma kellhom ukoll laqgħa mal-Kardinal Marella, Arċipriet tal-Bażilika, u laqgħa oħra ma' l-Ordni tal-Kavallieri f'Palazzo Malta.

Aħna nifirħu lil Jesmond u 'l Alfred għal din ix-xorti li messithom u nawgurawlhom li jibqgħu jiftakru f'din l-okkażjoni sabiħa.

THE BOOKWORM
NAXXAR ROAD, B'KARA
Telephone: 45269
BOOKSELLERS
STATIONERS
NEWSAGENTS
EDUCATIONAL TOYS

– IL-FESTA 1976 –

Ħbieb,

Bħalma tafu intom, wara kull festa titulari, il-gazzetta tagħna tikkummenta xi ftit dwar dak li jkun ġie organizzat, biex mhux biss tagħmel kuraġġ lil dawk li jkunu tant ħadmu biex tirnexxi, imma wkoll biex inħallu stampa kemm jista' jkun ċara lil dawk li għad iridu jiġu warajna.

Hawn xi wħud forsi jaħsbu li l-preparazzjonijiet biex tiġi organizzata festa titulari jibdew xi ftit xhur qabel iċ-ċelebrazzjoni tagħha. Min hu dilettant jaf sewwa li dan mhux minnu. Il-preparazzjonijiet għall-festa jibdew preċiż l-għada li tkun għaddiet dik ta' qabilha. Hekk ġara għall-festa titulari tal-1976. L-organizzazzjoni t a g ħ h a bdiet sewwa sew f'Lulju, 1975.

F'dan ix-xahar kienu ġa bdew isiru diskussjonijiet dwar il-ġbir ta' flus, kif se jiġu mqassma, x'armar ġdid se jiżżanżan, u x'jista' jsir aktar biex il-festa tkun isbaħ minn dik ta' qabilha. Matul dan iż-żmien ukoll, il-gaj tal-murtali, taħt it-tmexxija ta' Valent Azzopardi, kien ġa ntefa' għax-xogħol iebes tal-brim tal-kartun.

Hekk, filwaqt li Karmenu Micallef u Laurence Scicluna ndaħlu għall-ġbir tan-nar, Benny Pace u Joseph Calleja kienu ġa qegħdin jagħmlu l-preparamenti meħtieġa biex jaħdmu dak is-sellum kbir li rajna jiġri fuq erba' roti. Kemm għen il-karru biex jitħaffef ix-xogħol ta' l-armar u ż-żarmar tal-fustuni tad-dawl! Nistgħu ngħidu wkoll li waqt li Pawlu Grima u Charles Chetcuti kienu qegħdin jaħsbu għall-organizzazzjoni tal-festa min-naħa tal-Każin 'Marija Annunzjata', Alfred Muscat, Kalċ Micallef u ħuh Karmenu kienu qegħdin jaħsbu kif se jżejnu Triq San Valentinu b'pavaljuni ġodda. Hija tassew ħaġa li tgħaġġbek kif dawn it-tlieta għal sena sħiħa ntefgħu b'ruħhom u ġisimhom għal xogħol bħal dak — xogħol li l-frott tiegħu rajnieh fil-festa. Kemm kienet sabiħa t-triq! Issa m'għadhiex tagħmel għajb lit-triq il-kbira meta tkun armata b'dawk il-pavaljuni ta' aħmar bellusi. Hekk ukoll waqt li Valentino Muscat kien qiegħed iħejji biex ikompli d-disinji tal-pavaljuni tat-triq prinċipali, Lino Borg u Charles Chetcuti, li jieħdu ħsieb id-dawl tat-toroq għan-naħa ta' fuq u għan-naħa t'isfel rispettivament, kienu qegħdin jaraw x'lampi u "wires" għandhom jiġu mibdula biex fil-festa jkun kollox lest u preparat.

Fl-istess waqt ukoll Carmel Bezzina flimkien mal-Bord Editorjali kien qiegħed joħlom kif se joħroġ il-ħarġa speċjali tal-gazzetta "Ħal Balzan", waqt li min-naħa l-oħra Guido Borg kien qiegħed jara kif se jsiru l-posters ħalli jinġibdu aktar turisti lejn Ħal Balzan. Hekk ukoll waqt li l-Kappillan jaħseb għall-organizzazzjoni tal-festi ta' ġewwa u Abraham Muscat jiżbogħ xi ftit l-armar, Kalċ Micallef u Duminku Muscat kienu qegħdin jaħsbu kif se jiġbru l-flus għall-banda "King's Own" u Mario Spiteri biex isir il-marċ ta' nhar il-Ħadd fil-għaxija.

U hekk ir-rota ta' l-organizzazzjoni tibda ddur. Meta jasal Jannar, Abraham Muscat u ibnu Victor, flimkien ma' oħrajn, jibdew iħabbtu l-bibien biex jiġbru l-flus għall-festa. L-istess jagħmlu Charles Chetcuti u sħabu.

Meta jasal Ġunju, id-dilettanti jibdew jarmaw it-toroq, l-ewwel bid-dawl, imbagħad l-antarjoli u l-pedestalli, u fl-aħħar l-istatwi, il-bandalori u l-pavaljuni. Fl-istess waqt jibda t-tindif tal-Knisja u ta' l-armar tagħha minn Valent Chetcuti, is-Sagristan, u fil-Każin tal-Banda jibdew il-kunċerti tal-marċijiet u ta' l-Innu mis-Surmast Clemente Sciberras.

Il-festa ta' din is-sena kienet brijuża u pjaċevoli, x'aktarx b'xi ftit aktar entużjażmu minn dik tas-sena ta' qabel. Dan deher sa minn meta ħarġet il-vara tal-Lunzjata min-niċċa. In-numru tan-nies fuq iz-zuntier kien bla dubju ta' xejn aktar mis-soltu, u l-knisja kienet iffullata.

L-ewwel tridu u t-tieni tridu, għal dawk li huma festi ta' barra, setgħu kienu aħjar u nixtieq nappella liż-żewġ każini biex jorganizzaw xi ħaġa f'dawn il-jumejn. Tafu daqsi li ġieli kien hemm snin fejn il-poplu Balzani wera aktar interess fl-ewwel żewġ tridijiet. Però nistgħu ngħidu fiż-żgur li dan in-nuqqas tpatta bil-qawwi fit-tielet tridu. In-numru ta' nies li mxew wara l-baned, l-aktar wara l-banda tar-raħal tagħna 'San Gabriel', kien tassew sabiħ u ibqgħu ċerti li d-dilettanti u l-organizzaturi ferħu minn qalbhom jaraw dawk in-nies jifirħu mal-Banda. Iż-żgħażagħ ta' quddiem, libsin il-flokkijiet bl-arma tal-Każin 'San Gabriel', bl-imkatar ċelesti f'idejhom jiżfnu mad-daqq tal-banda, jagħtik x'tifhem li ż-żgħażagħ Balzanin għadhom iħobbu l-festa ta' raħal twelidhom. Hija tassew ħasra li xi wħud minnhom tbellħu żżejjed u dak il-ħin tefgħu bħal sħaba sewda go dak il-briju onest u sinċier.

Wieħed jieħu gost jara dawk l-irdieden żgħar u kuluriti ta' quddiem il-marċ u jisma' t-tisfira tas-sfafar. Kulħadd iħobbhom! Kellna bżonn naraw aktar minnhom is-sena d-dieħla. Prosit lil Ġanni Sammut u lil Joseph Calleja! Bilħaqq Ġużeppi Sammut jew kif insejħulu aħna "il-Keti" żamm xi raddiena wkoll allavolja llum għandu 78 sena. L-irdieden ta' wara l-marc maħdumin minn Abraham Muscat kienu tajbin ukoll u hemm bżonn nagħmlu kuraġġ biex nibqgħu nagħmluhom ta' kull sena u jekk jista' jkun inżiduhom fin-numru.

Lejlet il-festa kienet organizzata tajjeb ukoll u n-nies li mlew Triq l-Annunzjata u fuq iz-zuntier, fosthom ħafna turisti, milli jidher ħarġu sodisfatti mhux ħażin. In-numru ta' murtali li nħarqu, kemm fit-translazzjoni kif ukoll wara l-Barka, kien tajjeb iżda hemm lok għal aktar. L-irdieden maħdumin minn Pawlu Muscat ħallew togħma tajba.

Il-marċ organizzat mill-Każin 'Marija Annunzjata' u li fih daqqet il-Banda 'San Gabriel' nhar il-festa fil-għodu għoġobni wkoll. Tassew kien fihom gost tara xi familji jistiednu ż-żewġ kumitati tal-każini għax-xorb. Il-preżentazzjoni tat-Tazzi lill-Każin hija idea tajba u kellha bżonn tirrepeti ruħha.

U hekk wasal nhar il-festa fil-għaxija. Bħas-soltu sar il-marċ mill-Banda "King's Own" minn ħdejn l-għassa sal-Knisja. Kien marċ akkumpanjat minn numru kbir ta' nies. Kif spiċċat il-banda bdiet ħierġa l-purċissjoni u x-xena tal-Madonna wieqfa ħdejn il-bieb il-kbir tqabbiżlek id-dmugħ, l-aktar x'ħin tisma' dak iċ-ċapċip u l-għajjat tan-nies imħallat mad-daqq ta' l-

● għal paġna 4

COMBINED INDUSTRIES LIMITED

JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION

Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION

Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION

Telephone: 42027

MALTA ALUMINIUM LIMITED

Telephone: 42027

100, St. Anthony Street, Lija, Malta.

Cable Address: Jolica, Malta.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Il-vaganzi waslu biex jispiċċaw u bosta minnkom diġà qed tixtru l-kotba meħtiġin għalikom qabel ma tibda l-iskola.

Il-vaganzi jiġu fuqna biex aħna nieħdu ftit tan-nifs qabel ma nibdew telgħin it-telgħa ta' l-istudju. Issa li ilkom madwar tliet xhur tieħdu n-nifs, qisu li ma taqtgħux qalbkom quddiem it-telgħa.

Il-qawl Malti jgħid: "Wara t-telgħa tiġi n-niżla." Għalhekk agħmlu fehma soda li f'din is-sena li ġejja fuqkom tistudjaw ħafna biex fi żmien il-vaganzi tifirħu iżjed minn tfal oħra li jkunu ħlew żmienhom fiċ-ċajt u l-logħob żejjed.

Fil-ħin ta' l-iskola qisu li toqogħdu attenti għal-lezzjonijiet kollha li jagħmlulkom, u staqsu dejjem lill-għalliema tagħkom biex ifehmukom dak kollu li ma jkunux fhimtu sewwa.

Tħallu qatt għall-aħħar il-'homeworks' tagħkom, u agħmluhom qatt bil-għaġġla. Tħarsux lejn dawk it-tfal li jiftaħru li l-'homework' tagħhom ikunu kkupjawh minn fuq xi tfal oħra. Intom tafu tajjeb li wara, fil-ħin ta' l-eżamijiet, ma jkollhomx ċans li jikkupjaw kemm iridu.

Bravu hu mhux min ikun ikkopja l-'homework' imma min ikun għamlu bil-ħila tiegħu. Min jikkopja, jew għax ikun għażżien, ma jridx jaħdem u jħabbel rasu, jew għax ma jkunx kapaċi.

Għalhekk, għeżież tfal, bħalma kien dmir tal-ġenituri tagħkom li jfittxu li jarawkom ferħanin fil-ġranet tal-vaganzi, issa jmiss lilkom li tagħmluhom ferħanin fil-ġranet ta' l-iskola billi fil-'Parents' Day' jisimgħu fuqkom mill-għalliema tagħkom kliem ta' tifħir u le ta' tmaqdir.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Il-Kompetizzjoni għal din id-darba se tkun differenti minn dawk li ħejjejnielkom sa issa. Għalhekk la se ssibu xi tisliba, la xi mistoqsijiet xi twieġbu, u lanqas xi ritratt ta' xi mkien biex tagħrfu fejn hu. Ridna ngagħlukom tużaw ftit l-immaġinazzjoni tagħkom, u tesperimentaw ftit. Mela niġu għall-kompetizzjoni ta' din id-darba li, aħna ċerti, se tqajjem interess mhux biss fikom iż-żgħar imma anke fil-kbar. Il-kompetizzjoni hi din:—

Kemm-il munita ta' ħames milleżmi (5 mils) irid ikollok biex jiżnu nofs kwart?

Bħas-soltu, ibagħtu l-Kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 2 ta' Ottubru, 1976.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu:
1. Bastiment; 2. Banana (Bajtra); 3. Bennej; 4. Bertu; 5. Baramni; 6. Boton; 7. Bastun; 8. Bražiljana.
Il-kelma li kellkom issibu kienet "Sant' Anna".

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa hija Dorothy Caruana li toqgħod 14, Triq il-Barriera, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied Alla bil-Magħmudija

Joanna Mifsud, bint John u Mary.
Antoine Zammit, bin Andrew u Mary.
Christian-Victor Meier, bin Hans u Simone.
Veronique Gatt, bint Stephen u Georgette.
Keith McCarthy, bin Albert u Lina.
Fedora Abela, bint Joseph u Cecilia.
Monica Giordimaina, bint Valentino u Micheline.
Jurgen Bonett, bin Ramon u Helen.
Lorraine Muscat, bint Joseph u Rose.
Alexandra Ellul, bint Anthony u Bertha.
Robert Micallef, bin Gaetan u Carmelina.
Michael Grech, bin Joseph u Marcelle.
Gerald Grech, bin Laurence u Helen.

Ingħaqdu fl-imħabba fi Kristu

Noel Gruppetta u Carmen Zarb.
Angelo Spiteri u Nancy Fenech.
Saviour Bugeja u Evelyn Cortis.
Robert Ghirlando u Maria Vella.
Christopher Nigel Phillips u Joyce Brincat.

Ingħaqdu ma' Kristu għal dejjem

Calcedonio Mallia.
Suor Emmanuela Buhagiar, tal-Bon Pastur.
Charlie Gauci.

ŻJARA NUMRU 2

IS-SINJORINA MARIJA MICALLEF

Iż-żjara ta' din id-darba toħodna f'dar antika fi Triq it-Tliet Knejjes, dar moħbija mill-għajnejn ta' ħafna nies f'tarf Sqaq Numru 3, dar qadima bi ġnien kbir fuq wara b'għadd sabiħ ta' siġar tal-larinġ, li għalihom Ħal Balzan huwa tant imsemmi. Fid-dar, kollox ifakkrek fi żmenijiet oħra, u fil-ħemda u s-skiet tal-post tisthajlek qed tgħix f'Ħal Balzan tas-seklu l-ieħor.

F'din id-dar, aħna ltqajna mas-sinjorina Marija Micallef, mara xwejħa li tgħix weħidha. Għalkemm kultant titnikket li llum tinsab bla ħadd min iwennisha, ħlief xi ftit il-ġirien, Marì hija rrassenjata ħafna u marbuta ma' dak li jibagħtilha l-Ħallieq li jieħu ħsieb kulħadd. Marì llum hija mgħobbija sew bis-snin għax dieħla fid-79. Twieldet f'Novembru tal-1897 f'Ħal Balzan, minn Valent u Marjanna Micallef, Balzanin it-tnejn. Hija kienet il-kbira fost tlett aħwa; it-tnejn l-oħra, għożżieba wkoll, kienu Katarin u Mikiel. Dawn mietu fi żmien seba' ġimgħat: Katarin mietet fl-24 ta' Novembru 1970, u Mikiel fis-16 ta 'Jannar 1971.

Il-memorja bdiet tħalliha xi ftit lil Marì; b'dankollu, hija laqgħetna bil-ferħa u għamlet ħilitha biex titkellem magħna fuq l-imgħoddi bl-aħjar mod li setgħet.

1. Marì, tista' tgħidilna xi ħaġa milli tiftakar dwar Ħal Balzan ta' l-imgħoddi?

Dak kien żmien ieħor. Ħal Balzan kien aktar kwiet milli hu llum. Xi toroq kienu għadhom ma nfetħux. It-toroq kienu dojoq. Ħdejn Mikiel is-sagristan u ħdejn l-għajn fejn it-tliet knejjes tant kienet dejqa t-triq li l-vara kienet tgħaddi nkaxxata u riedu joqogħdu attenti għall-ġewnaħ ta' l-Anġlu.

2. Xi tgħidli dwar il-festa tal-Lunzjata?

Il-festa kienet tiġi kmieni fir-rebbiegħa. Konna nistennewha ħafna, u kienet ittina ħafna xogħol. Minn ħafna ġimgħat qabel kont nibda nħit il-ħwejjeġ lin-nies, u oħti Katarin kienet tkun imħabbta ħafna ssewwi, tgħaddi u tillamta l-ħwejjeġ tal-knisja. Fit-tridu konna nfittxu neħilsu kmieni ħalli mmorru l-knisja għall-priedka u l-mużika. Konna niġġennu għat-tridijiet.

3. Kien ikun hemm xejn nies il-knisja għat-tridu?

Kienet tkun mimlija. Għall-priedka ma kienx ikun hemm ħafna, imma mbagħad jibdew ġejjin għall-mużika; mhux nies mir-raħal biss imma ħafna nies minn Ħal Lija u minn Birkirkara, għax mużika bħal tagħna tas-Surmast Nani ma tantx kont tisma'. Għalhekk ħafna kienu jiġu għat-tridijiet minn barra r-raħal.

4. Sa nsemmilek tnejn minnies li, naħseb, taf tgħidli xi ħaġa dwarhom — il-Kappillan Sisner, u l-Isqof Pietru Pace. X'tiftakar?

Dak kien żmien ieħor. Il-Kappillan Sisner kien ruħ tajba. Niftakru tajjeb. Dejjem jikteb il-kotba tal-knisja u jdum ħafna sigħat fil-konfessinarju jqarar. Kien ruħ tajba wisq. Anki l-kappillan ta' warajh, il-Kappillan Zahra, kien iqarar ħafna wkoll.

L-Isqof Pace spiss kien ikun Ħal Balzan. Kien ġie jbiddel l-arja għax kien iħossu ma jiflaħx, u baqa' hawn. Fil-Lunzjata, l-Isqof Pace kien joqgħod jistenna l-purċissjoni bil-vara tgħaddi minn quddiemu, imbagħad kien jitla' l-knisja bil-pass u jagħti l-benedizzjoni. Dejjem hu kien jagħtiha l-benedizzjoni tal-festa. Ħija Mikiel kien għamel il-Griżma fid-dar ta' l-Isqof Pace.



Is-Sinjorina Marija Micallef (fin-nofs), flimkien ma' ħutha Katarin u Mikiel.

5. Semmejtli lil ħuk Mikiel. Naħseb li tieħu pjaċir tgħidilna xi ħaġa dwaru.

Ħija, Alla jaħfirlu, kien moħħu fil-knisja u l-festa. Tgħallem l-iskola; jien kont ngħallmu xi ftit id-dar ukoll. Imbagħad ta l-eżami għad-Dockyard, imma daħal ma' Delia tal-għamara. Dam jaħdem hemm 45 sena. Kien mastrudaxxa tajjeb, anżi kien l-imgħallem ta' Delia. Wara x-xogħol u meta kien ikun frank, kien igħin 'il Mikiel is-sagristan. Għall-festa kien ibattal xi għaxart ijiem mix-xogħol biex igħin 'il Mikiel. Fil-knisja hija ħadem ħafna — il-konfessinarju tal-kappillan għamlu hu, tħabat ħafna meta tellgħu l-qniepen, insomma ma kienx ikun hemm ħaġa li ma kienx jidħol għaliha. L-aħħar biċċa xogħol li kien se jagħmel kienet biex jibda jinfetaħ il-bieb ta' wara n-niċċa tar-Rużarju.

6. Marì, għedtli li 'l ħuk kont tgħallmu xi ftit int. Naħseb, allura, li tgħallimt skola aktar minnu, hux hekk?

Iva, jien dħalt l-iskola ta' ħames snin u domt sakemm kelli 17-il sena. Kont għal assistenta. Imma mbagħad miet missieri u ħriġt. Oħti Katarin ta' 13-il sena ħarġet mill-iskola.

7. Safejn naf jien, Mikiel kien membru fil-Każin 'San Gabriel'. Baqa' sa l-aħħar f'dan il-każin?

Iva, ħija Mikiel kien mitfugħ fil-każin ta' fuq, u hemm ħadem ħafna wkoll għall-festa. Is-sett trofej tista' tgħid hu għamilhom. Ħadem ukoll il-pedestall ta' Ġuditta, u ħafna xogħol ieħor ta' armar għall-festa. Baqa' jaħdem sakemm taħ l-ewwel attakk tat-trombożi 11-il sena qabel miet. Ukoll meta kien marid, baqa' jitla' xi ftit sal-knisja u l-każin, u darba, għadni niftakar, ried jagħmel forċina fil-Lunzjata. Jien ma ridtux, imma sħabu tal-każin qaluli li jieħdu ħsiebu huma jekk iħossu għajjien. Dak in-nhar tant ħassu ferħan! Irnexxielu jagħmel il-purċissjoni kollha jżomm il-forċina. Imma fi-aħħar snin qabel miet, miskin, xejn ma kien jiflaħ. Ma kienx jiċċaqlaq minn hawn. Kien jiġi jaraħ ħafna u jqatta' nofs ta' nhari sħaħ il-Konti, Alla jaħfirlu. Kienu jogħxew jitkellmu fuq il-Wardija u l-knisja ta' Ħal Balzan.

8. Qabel nagħlqu din l-intervista, nixtieqek tgħidilna xi ħaġa dwar kif tqattagħha l-ġurnata.

Jien dejjem hawn, waħdi. M'għadnix noħroġ, ħlief daqsxejn sa fejn il-bieb, għax ma tantx niflaħ. Inqum kmieni, ngħid 15-il post Rużarju, u nipprepara għat-tqarbin. Dak biss qed iżommni ħajja, it-tqarbin. Jekk ma jmurx il-ġenna Dun Ġwann Zammit Hammet! Kuljum, Alla jtih mitt genna, jiġi jqarbinni, xita u mhix. Imbagħad noqgħod inċekċek xi ħaġa, sakemm jidlam fil-għaxija u nagħlaq il-bieb.

9. Marì, trid tgħidilhom xi ħaġa lill-qarrejja tal-gazzetta?

Nixtieqhom jitolbu għalija ħalli nagħmel mewta tajba, u jiftakru fl-erwieħ ta' ħuti.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

IL-FESTA 1976

● minn paġna 3 ...

innu. Għal tliet sigħat sħaħ il-Madonna daret fit-toroq tagħna, tferraħna bid-dehra tagħha. Għaddiet minn taħt il-fustuni u l-pavaljuni u minn fost it-tiżjin li aħna stess bi flusna jew b'ħidmitna armajnielha.

Fl-aħħar wasal il-ħin li l-istatwa ta' l-Annunzjata tidħol lura fil-knisja fost iċ-ċapċip tan-nies, id-daqq ta' l-innu u l-isparar tal- murtali. Hija tassew ħasra li dan il-briju jiġi maqtugħ ħesrem biex isir id-diskors ta' tifħir. Din is-sena ma smajna xejn minnu. Qaluli li d-diskors tal-Professur Aquilina kien tajjeb ferm, iżda għalkemm kont fuq iz-zuntier anqas smajt kelma waħda minnu. Hemm bżonn li dan id-diskors jew jitneħħa jew inkella jsiru 'loudspeakers' biżżejjed biex jisimgħu kulħadd. Terġa', jekk isir, aħjar li jingħad qabel il-Madonna titla' fuq iz-zuntier u qabel jibda d-daqq ta' l-innu. B'hekk il-folla ma titlef xejn mill-entużjażmu tagħha.

Il-marċ ta' l-aħħar jagħlaq il-festi u nistgħu ngħidu li kull sena jiġbed aktar nies. J'Alla nibqgħu sejrin hekk.

Qabel nagħlaq, irrid ngħid li f'dan l-artiklu semmejt xi ismijiet ta' nies, l-aktar ta' dawk li jkunu nkarigati minn xi attività, jew ta' dawk li jaħdmu f'xi armar ġdid. Ħal-lejt barra dawk li b'tant sagrifiċċju jarmaw it-toroq tagħna. Iżda dan mhux tort tiegħi, għax meta tgħodd tal-Każin 'Marija Annunzjata' u tal-Każin 'San Gabriel' ilaħħaq ma' l-erbgħin ruħ. Nispera li ħadd ma jieħu għalih għax l-inkwiet ma tantx inħobbu u fl-aħħar mill-aħħar kulħadd huwa ħabib tiegħi. Nispera wkoll li s-sena d-dieħla mhux biss insemmuhom iżda wkoll naraw inġibux xi ritratt tagħhom. Mela kuraġġ għal sena oħra, għax ibqgħu ċerti li bl-għaqda bejnietna, bis-sagrifiċċju u bl-entużjażmu, għandna nagħmlu affarijiet kbar.

Guido Borg.

PROFILI BALZANIN — 1

KAN. CARMELO SCIBERRAS

F'din is-sensiela "Profili Balzanin" se nibdew nagħtu tagħrif dwar nies Balzanin u nies oħra li taw xi kontribut lil Ħal Balzan. Is-sensiela qed jieħu ħsiebha s-Sur Guido Borg.



Dun Karm Sciberras twieled Birkirkara fid-9 ta' Mejju 1920, minn Michele Sciberras u Karmena nee' Grech. Ġie mgħammed fil-Knisja Kolleġġjata ta' Sant' Elena. Studja fl-iskola tal-Gvern, B'kara, imbagħad fil-Liċeo, il-Belt, u fis-Seminarju ta' l-Isqof, il-Furjana. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Awwisu 1947. Malli qaddes beda jgħallem fis-Seminarju ta' l-Isqof, fejn baqa' sakemm sar Kappillan ta' Ħal Balzan fl-1 ta' Novembru 1954.

Matul dan il-perijodu kien Ċeremonier tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara u Kappillan tal-Kor. F'Ġunju 1948 sar Assistent Ekkeżjastiku taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika tal-ġuvintur "San Pietru", ta' Birkirkara, u mill-1952 sakemm sar Kappillan kien ukoll Viċi-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan (illum Ċentrali) tal-Fergħa tal-Ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija.

Ħa l-pussess ta' Kappillan ta' Ħal Balzan fit-12 ta' Diċembru 1954. Hawnhekk huwa sar Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkoli ta' l-irġiel, nisa, u aktar tard tal-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika. Waqqaf fil-Parroċċa, separatament minn dak ta' l-irġiel, iċ-Ċirkolu tal-ġuvintur "Piju XII" f'Marzu 1957. Ġie elett għal diversi drabi President tal-Kunsill Ċiviku tal-Parroċċa, preċiżament mill-1969 u għadu jokkupa din il-kariga sal-lum.

Jinteressa ruħu fil-letteratura, l-aktar dik Maltija, u kien igħallem il-Malti fis-Seminarju.

Fil-Parroċċa ċċelebra ċentinarji tat-twaqqif tal-Parroċċa (1655-1955), tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù (1856-1956), tal-bidu tal-bini tal-Knisja Parrokkjali (1669-1969), tal-Fratellanza tas-Sagrament (1575-1975).

Kien hu li bena s-Sala Parrokkjali "Aurora", li swiet 'il fuq minn £12,000, u li ġiet inawgurata u mbierka mill-Arċisqof Gonzi fis-6 ta' Mejju 1962.

AHSBU KMIENI BIEX TIXTRU KALENDARJU TA' HAL BALZAN GHAS-SENA 1977